MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 396/2012/1

**Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali**

**v.**

**Lara Maria Merlevede nee` Borg St. John**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa smigh mill-gdid ta' appell maghmul mill-intimata minn sentenza [“is-sentenza appellata”] moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-8 ta' Awwissu 2013 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet li tilqa' t-talbiet tad-Direttur rikorrent bil-mod segwenti:

> “1. Li l-missier ikollu aċċess għaż-żewġ minuri ġewwa Malta jew Franza bil-mod segwenti:
>
> “Fis-sena 2013 l-aħħar nofs tal-vakanzi tal-minuri tal-Milied u tas-sajf. L-aċċess għandu jibda jiġi eżerċitat minn dik il-ġurnata li taħbat preċiżament fin-nofs tal-ammont ta' ġranet tal-vakanzi tal-istess minuri.
>
> “Fis-sena 2014 l-ewwel nofs tal-vakanzi tal-minuri tal-Milied u tas-sajf. L-aċċess għandu jibda jiġi eżerċitat mill-ewwel ġurnata tal-vakanzi sa' dik il-ġurnata li taħbat preċiżament fin-nofs tal-ammont ta' ġranet tal-vakanzi tal-istess minuri.
>
> “Għas-snin ta' wara, l-aċċess għandu jkompli jsegwi b'mod li fis-snin żewġ, il-missier ikollu aċċess għall-minuri fl-ewwel nofs tal-vakanzi kif spjegat aktar 'il fuq filwaqt li fis-snin fard, l-istess missier ikollu aċċess għall-minuri fl-aħħar nofs tal-vakanzi.
>
> “Għal finijiet ta' kjarezza, anke in vista tal-fatt li l-istess missier mhux ser ikollu l-opportunita' li jara lil uliedu b'mod frekwenti, l-aċċess hekk kif ordnat għandu jkun bl-aktar mod massimu b'dan li l-minuri jqattgħu il-ġranet kollha tal-istess aċċess miegħu u għandhom jirritornaw lura għand l-intimata ommhom malli jiskadi ż-żmien tal-aċċess kif spjegat aktar 'il fuq.

"F'każ li l-missier ikun ser jeżerċita' tali dritt ta' aċċess ġewwa Franza, huwa għandu jinforma lill-intimata u jagħtiha l-biljetti tal-arju mill-anqas xahrejn qabel id-data tal-ivjaġġar. Il-biljetti tal-ajru għandhom jintbagħtu bil-posta reġistrata jew permezz tal-*email* f'każ li l-biljetti jkunu elettroniċi. Kopja tal-istess għandhom jintbagħtu lill-Awtorita' Centrali Franciza li sussegwentement jibgħatu l-istess korrispondenza lill-Awtorita' Centrali Maltija.

"Għandu jkun il-missier jew mandatarju tiegħu li jieħdu lill-minuri mir-residenza tagħhom mal-omm fi Franza u jġibuhom lura Malta fl-istess residenza tal-omm. L-intimata hija ordnata li tkun fir-residenza tagħha flimkien mal-minuri fil-ħin u l-jum li l-missier ikun ser jiġi għalihom jew jibgħat għalihom biex jeżerċita l-aċċess tiegħu. Kwalunkwe tentattiv da parti tal-intimata sabiex tipprova twaqqaf jew ixxekkel lill-missier milli jeżerċita d-dritt tiegħu ta' aċċess għandu jiġi interpretat bħala disprezz lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti u il-Qorti tordna li f'dak il-każ, għandhom jittieħdu l-passi neċessarji kontra l-istess intimata b'mod awtomatiku;

"Fil-vakanzi l-oħra li jkollhom l-istess minuri hawn Malta, il-missier għandu jkollu aċċess għall-perjodu kollu tal-istess vakanzi b'dan li jekk ikun ser jeħodhom Franza, għandu jaċċerta ruħu li l-minuri jkunu hawn Malta għall-ewwel ġurnata tal-iskola li jkun imiss;

"2. Tordna li f'każ li l-intimata ma tikkoperax, allura l-minuri għandhom jiġu akkompanjati bl-assistenza tal-Pulizija jew tal-Marixxalli tal-Qorti, skond il-każ;

"3. Tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 176/2009 u tordna n-notifika tal-istess revoka lill-awtoritajiet kompetenti inkluż l-Ajruport Internazzjoni ta' Malta u l-Portijiet;

"4. Tawtorizza lill-partijiet sabiex kull wieħed u waħda minnhom b'mod unilaterali jkun jista' japplika u jiġbor jew jibgħat rappreżentant tiegħu (bil-miktub) biex jiġbor il-passaporti relattivi għall-minuri Chloé Christine Merlevede u Gabriel George Merlevede, liema passaporti għandhom dejjem ikunu limitati għall-vakanza partikolari li jkunu ser jagħmlu l-istess ulied.

"Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-intimata."

**2.** B’sentenza [“is-sentenza attakkata”] moghtja fil-31 ta’ Jannar 2014 din il-Qorti, diversament presjeduta, kienet laqghet l-appell tal-intimata billi rriformat is-sentenza appellata.

**3.** B’sentenza moghtija fil-15 ta’ Dicembru 2014, din il-Qorti hassret is-sentenza attakkata tal-31 ta’ Jannar 2014, fil-parti fejn irriformat is-sentenza appellata, u ordnat li l-appell jinstema’ mill-gdid relattivament biss ghall-parti li hassret is-sentenza attakkata.

**4.** L-iskop ta’ din il-kawza huwa li jigu stabbiliti “arrangamenti prattici”, ai termini tal-Artikolu 48 tar-Regolament *Bruxelles II bis*, sabiex jigi organizzat l-ezercitar tad-dritt ta’ access ghat-tewmin minuri Chloe u Gabriel, akkordat favur missierhom Etienne Merleverde mill-Qorti tal-Appell ta’ Douai fi Franza b’decizjoni moghtija fid-19 ta’ April 2012. Fil-prezent dan jghix fi Franza, filwaqt li l-minuri jghixu Malta ma’ ommhom, l-intimata.

**5.** Fis-succint il-fatti relevanti li taw lok ghal proceduri odjerni huma dawn. Jirrizulta li, minkejja li, skont l-imsemmija decizjoni, il-missier jista’ jezercita l-access ghal uliedu f’Malta jew fi Franza, l-intimata qieghda tirrifjuta li tibghat it-tfal Franza u qieghda tinsisti li l-missier jezercita l-access tieghu f’Malta. Ir-

raguni wara r-riluttanza taghha li thalli li t-tfal jintbaghtu Franza tinsab bil-biza' taghha li missierhom ma jirritornahomx lura Malta. Min-naha tieghu, il-missier jghid li hu ma jistax jezercita l-access tieghu f'Malta minhabba l-biza' li jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu minhabba l-inadempjenza tieghu ma' digriet tal-Qorti Maltija li ordnatlu jhallas lill-omm manteniment ghaliha u ghat-tfal minuri. Rizultat ta' dawn il-fatturi, il-minuri ilhom ma jkollhom kuntatt ma' missierhom ghal circa erba' snin. Dan jirrizulta aktar problematiku tenut kont tal-fatt li wiehed mit-tfal, u cioe` Gabriel, ghandu l-kundizzjoni ta' awtizmu.

**6.** Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti fasslet il-mod kif fil-fehma taghha l-access akkordat lill-missier ghandu jigi regolat, kemm f'Malta kif ukoll fi Franza, skont it-termini tad-decizjoni tal-Qorti Franciza.

**7.** Ghall-ahjar intendiment tal-gudizzju odjern huwa opportun li jigu senjalati l-osservazzjonijiet maghmula mill-Qorti tal-Appell ta' Douai biex din wasslet ghall-konkluzjoni li tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti fi Franza, li huwa fl-interess tat-tfal li dawn jghixu mal-omm. Dik il-Qorti *inter alia* mmotivat hekk id-decizjoni taghha:

> *"Gabriel and Chloe' are very young children [5 years old in June 2012] and are therefore at an age when most childhood professionals are against too long a separation from the mother, or it may entail troubles in the structure of the personality..... But young Gabriel has never been separated from his mother since he was born and it is very possible that such a separation, already a*

*trauma for a child without any disorder, would have catastrophic consequences for an autistic child."*

**8.** Dwar it-talba tal-omm sabiex l-access ghat-tfal favur il-missier isir f'Malta biss, dik l-istess Qorti osservat:

*"It shall be recalled that the father is French and the children are born in France. They have been uprooted from their French origins since a very young age and do not know their fathers's family. It is always in the interest of the child to open to another culture especially when it is borne by a whole family and to maintain strong relations with the relatives.*

*"Gabriel's disorders shall not constitute an obstacle to his travel since, on the one hand, the Maltese psychologists have only detected slight to moderate autistic disorders in him (he is indeed attending school and plays with other children), and on the other hand, and above all, he will be travelling with his sister and his father or a member of the latter's family.*

*"Etienne Merlevede shall therefore be free to spend the holidays in Malta with his children or to have them come to France, provided he sends at least two months beforehand the plane tickets to his wife, so that she may get orgainised."*

**<u>L-Appell</u>**

**9.** L-aggravji relevanti ghal dan il-gudizzju huma erbgha, u cioe` l-aggravji bin-numri tlettax, erbatax, hmistax u sittax, li fis-succint jghidu hekk: [1] li l-ewwel Qorti ma kellhiex diskrezzjoni li taghzel minn rajha li l-access isir Franza u mhux Malta; [2] li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-hsara rreparabbli

fuq il-minuri jekk dawn jithallew imorru barra Malta; [3] li l-post tal-access m'ghandux jithalla fid-diskrezzjoni tal-missier; [4] li l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji ma kellhomx jigu akkollati lill-omm.

*L-aggravji*

**10.** Peress li dawn huma konnessi ser jigu trattati flimkien.

**11.** Fl-aggravju numru tlettax l-omm issostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex taghzel hi minn rajha li tali access ikun fi Franza, u ghalhekk meta ddecidiet kif iddecidiet marret oltre dak mitlub mid-Direttur, u cioe` li jsiru l-arrangamenti prattici sabiex isir l-access. Is-sentenza tal-Qorti Franciza tghid li l-access jista' jsir f'Malta jew fi Franza, u mhux bil-fors li jsir go Franza. L-omm issostni li hi qatt ma cahdet lil zewgha milli jezercita l-access tieghu f'Malta. Tishaq li hi m'ghandhiex oggezzjoni li l-access jibqa' jsir f'Malta "skond id-digriet tal-Qorti Maltija".

**12.** L-aggravju numru erbatax hu fis-sens lil fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti ma qisitx il-hsara rreparabbli li ssir lit-tfal minuri jekk dawn jithallew imorru barra minn Malta, u dan ghas-segwenti ragunijiet: li l-minuri ilhom ma jaraw lil missierhom ghal dawn l-ahhar tliet snin; li l-missier ma taha ebda

garanzija li ser ikun maghhom fi Franza;  li l-missier ma jridx jigi ghalihom f’Malta izda jrid jibghat persuna barranija biex ittella’ t-tfal Franza.

**13.** Hija tikkwota  dak li qalet il-Psikologa Dottoressa Elena Tanti Burlo li ccertifikat li jekk il-minuri Gabriel jittiehed fi Franza huwa jkun ’il boghod minn ommu bir-rizultat li minhabba l-kundizzjoni tieghu tal-awtizmu ssirlu hsara rreparabbli, aktar u aktar tenut kont tal-fatt li dan ser isib ruhu f’pajjiz barrani fejn ma jafx il-lingwa u fejn ma jaf lil hadd.  It-tezi li s-separazzjoni ta’ dan il-minuri ghal perjodu twil minn ommu hija ta’ hsara ghalih tinsab konfermata kemm mill-Qorti Franciza kif ukoll mill-ewwel Qorti.

**14.** L-omm tghid li l-missier mhuwiex bniedem affidabbli, tant li mhuwiex ser ikun hu li ser jigbor it-tfal minn Malta, izda ser jinkariga terzi persuni sabiex jigbru t-tfal u jehduhom fi Franza.

**15.** L-omm tkompli turi l-preokkupazzjoni taghha li, meta t-tifel ikun ma’ missieru fi Franza, dan jipprova jbiddel is-sistema ta’ kura li l-minuri ilu jircievi Malta ghal dawn l-ahhar snin.

**16.** Tikkonkludi dan l-aggravju billi tghid li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-access ghat-tfal jibqa’ jsir f’Malta.

**17.** Fl-aggravju numru hmistax l-omm issostni hekk:

> "Jigi rilevat li s-sentenza tal-Qorti Franciza ma taghtix tali diskrezzjoni lil missier anzi tghid li tali access ghandu jkun f'Malta jew fi Franza skond kif jiftehmu l-partijiet."

**18.** L-aggravju numru sittax hu fis-sens li l-ispejjez tal-kawza ma kellhomx jigu akkollati lilha izda lill-missier, stante li kien il-missier li minn rajh ghazel li ma jigix Malta biex jezercita l-access li ghandu ghal uliedu.

**19.** Min-naha tieghu d-Direttur jirribatti ghal dawn l-aggravji bil-mod segwenti.

**20.** Mhu minnu xejn li l-ewwel Qorti marret oltre minn dak mitlub minnha, stante li dak mitlub u dak li gie deciz minn dik il-Qorti hija l-ezekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Franciza dwar l-access li nghata favur il-missier ghat-tfal komuni tieghu u ta' martu. Dik il-Qorti ordnat li l-access tal-missier jista' jsir fi Franza jew f'Malta.

**21.** Li s-sottomissjoni tal-omm li mhuwiex fl-interess tat-tfal li l-access isir fi Franza u mhux f'Malta hija materja li tittratta l-meritu tal-kwisjoni u mhux l-ezekuzzjoni taghha, liema meritu diga` gie investit mill-qrati Francizi li

ddecidew li, filwaqt li t-tfal jibqghu jghixu mal-omm f'Malta, il-missier ikollu access ghalihom jew f'Malta jew fi Franza.

**22.** Id-Direttur ikompli jghid:

> "... li dak li ghamlet l-ewwel Qorti huwa li mxiet testwalment ma' dak li ddecidiet il-Qorti Franciza dwar dak li jirrigwarda l-post fejn ghandu jigi ezercitat l-access (il-Qorti Franciza halliet f'idejn il-missier biex jiddeciedi) kif ukoll tat il-fakulta' lill-missier li t-tfal jingabu u jittiehdu ghand l-omm minn membru iehor tal-familja tal-missier."

**23.** Inoltre jkompli jsostni li l-argument dwar l-interess tat-tfal m'ghandux relevanza fil-proceduri odjerni peress li skont ir-regolament 2201/2003 il-qrati tal-iStat tal-Inforzar ma jistghux jidhlu fil-meritu tal-kaz.

**24.** Dwar il-kap tal-ispejjez, id-Direttur jghid li dawn ghandhom jigu akkollati lill-omm peress li kienet hi li ma ottemperatx ruhha mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Franciza u baqghet tostina ruhha u tirrifjuta milli timxi ma' dak li kien deciz minn dik il-Qorti. Kien minhabba dan l-agir irritwali tal-omm li kellhom jinfethu l-proceduri odjerni, u ghalhekk huwa logiku li l-ispejjez tal-istess ghandhom jigu sopportati minnha.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

**25.** Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li, ghal finijiet tal-azzjoni odjerna, ghandha tinzamm id-distinzjoni bejn id-decizjoni (tal-Qorti Franciza) li akkordat l-access, u d-decizjoni (tal-Qorti Maltija) li fasslet il-mod ta' kif ghandu jitwettaq dak l-access. Inoltre, fit-tfassil tal-arrangamenti prattici ghandu jigi assigurat li l-elementi essenzjali tal-ewwel decizjoni jkunu rispettati.

**26.** Il-proceduri odjerni mhumiex intizi sabiex issir revizjoni tal-meritu tal-kaz kif deciz mill-Qorti Franciza, izda sabiex jsiru l-*"arrangamenti prattici"* u tinghata ezekuzzjoni f'Malta ta' dak deciz minn dik il-Qorti. F'kaz li l-omm thoss li l-access kif deciz mill-Qorti Franciza ghandu jigi mibdul sabiex, skont hi, jigu kawtelati l-interessi tal-minuri, hija kellha tadixxi lil dik il-Qorti, u mhux lill-qrati Maltin li l-obbligu taghhom huwa biss dak li jassiguraw li b'arrangamenti prattici l-access deciz favur il-missier isehh skont is-sentenza tal-Qorti Franciza.

**27.** Fit-tieni lok, din il-Qorti tosserva li fis-sentenza moghtija mill-Qorti Franciza jirrizulta manifest li dik il-Qorti kkunsidrat kemm il-materja tal-kura u kustoda kif ukoll tal-access u waslet ghad-decizjoni taghha wara li kkunsidrat l-interessi tal-minuri. Fil-meritu dik il-Qorti osservat li, tenut kont tac-cirkostanzi *"it appears that the interest of the children is to reside with their mother."* filwaqt li osservat ukoll li *"it shall here be recalled that the father is French and*

*the children were born in France … It is always in the interests of a child to open to another cultrue especially when it is borne by a whole family and to maintain strong relations with their relatives."* Dik il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-effett li s-safar jista' jkollu fuq it-tifel Gabriel u osservat li s-safar ma ghandux ikun ta' pregudizzju ghalih, ghax apparti mill-fatt li *"the Maltese psychologist have only detected slight to moderate autistic disorders in him. … above all, he will be travelling with his sister and his father or a member of the latter's family."*

**28.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti Franciza tat lil missier il-fakulta` li jezercita l-access, jew f'Malta li huwa l-post ta' residenza tal-omm u tat-tfal, jew fi Franza. Ghalhekk hija zbaljata l-omm meta fl-aggravju hmistax tghid li l-missier ma ghandux diskrezzjoni dwar il-post fejn ghandu jsir l-access. Il-Qorti Franciza ddecidiet car u tond li l-fakolta` li tat lil missier sabiex jezercita l-access tieghu testendi wkoll ghall-post fejn ghandu jsir l-access. Dan hu konformi mal-motivazzjoni li tat dik il-Qorti fis-sentenza taghha fir-rigward u cioe` li jkun ta' gid ghat-tfal minuri li dawn jigu esposti ghal kultura differenti u jsiru jafu wkoll il-familjari ta' missierhom.

**29.** Il-premessi konsiderazzjonijiet idghajfu t-tezi, jew ahjar il-pretest, imressaq mill-omm sabiex tichad lill-missier milli jkollu access fi Franza.

**30.** Fl-ahharnett huwa ferm opportun li jigi senjalat li l-omm qieghda legalment tirrisjedi bit-tfal f'Malta bis-sahha tas-sentenza tal-Qorti Franciza, u ghalhekk mhux legalment accettabbli li, filwaqt li taderixxi ma' dik il-parti tas-sentenza li hija konformi max-xewqat taghha, fl-istess waqt tirrifjuta li taderixxi mal-obbligi taghha naxxenti mill-istess sentenza, *multo magis* f'kazijiet bhal dak odjern li jirregolaw il-kura u kustodja tal-minuri, kif ukoll l-access ghat-tfal favur wiehed mill-genituri taghhom, liema access, qed jigi hawn enfasizzat, mhuwiex dritt tal-genitur daqs kemm huwa dritt tat-tfal u fl-interess taghhom.

**31.** Rigward il-kap tal-ispejjez, din il-Qorti tosserva li dan l-ilment tal-omm huwa manifestament fieragh. Mill-atti jirrizulta li, filwaqt li s-sentenza tal-Qorti Franciza inghatat fis-19 ta' April 2012, il-proceduri gudizzjarji odjerni bdew fis-6 ta' Lulju 2012, u sal-gudizzju odjern il-minuri baqghu privati mid-dritt taghhom li jintbaghtu ghall-access fi Franza, sabiex isahhu r-relazzjoni taghhom mhux biss ma' missierhom, izda anki man-nanniet u mal-familjari ta' missierhom.

**32.** Fir-rigaward ta' dan l-aspett huwa relevanti dak li osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata:

> "Din il-Qorti hija konvinta bl-aktar mod assolut li l-intimata ghamlet minn kollox biex iccahhad lill-missier milli jezercita d-dritt tieghu ta' access. Dan hu ampjament manifestat anki mid-dokumenti esebiti (fosthom biljetti tal-ajru) li

> juru li l-missier ghamel tentativi sabiex jara lil uliedu, izda l-intimata baqghet qatt ma kkoperat tant li, meta l-istess missier baghat ghall-minuri, dawn tal-ahhar ma ttihdux l-ajruport minn ommhom. Kwalunkwe tentattiv da parti tal-awtoritajiet, da parti tal-missier, da parti tal-Konslu Franciz, sfaw fix-xejn ghaliex l-intimata baqghet tisfida u twebbes rasha."

**33.** Mill-premess ghandu jirrizulta car li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu kollha a karigu tal-omm, kif ukoll li din il-Qorti ghandha tiffissa l-hinijiet u l-post bhala arrangament prattici, sabiex jigi assigurat li l-access favur il-missier kif akkordat mill-Qorti Franciza jsir minghajr aktar dewmien.

**34.** Ghaldaqstant dawn l-aggravji huma infondati u qed jigu respinti.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell tal-intimata izda, ghall-amministrazzjoni ahjar tal-access fl-interess tal-minuri, b'zieda mas-sentenza appellata tordna li, fil-jum li fih ghandu jibda l-access favur il-missier, it-tfal ghandhom jingabru mir-residenza tal-omm f'numru 283A Main Street, Balzan fid-disgha ta' filghodu [9.00am] u jigu ritornati fl-istess residenza mhux aktar tard mit-tmienja ta' filghaxija [8.00pm] tal-ahhar gurnata tal-access; fejn l-access ikun ser isir fi Franza, it-tfal ghandhom jingabru mill-missier jew mill-mandatarju tieghu mir-residenza tal-omm mhux aktar tard mis-sebgha u nofs

ta’ filghodu [7.30am] u jigu ritornati fl-istess residenza mhux aktar tard mit-tmienja ta’ filghaxija [8.00pm]; tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija.

In fine din il-Qorti, fl-interess tal-minuri, tordna li, taht is-sanzjoni ta’ disprezz, minn issa sal-ewwel vaganzi tas-sajf ta’ din is-sena l-omm tiehu hsieb, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna tad-Direttur jew tal-Agenzija Appogg, li t-tfal ikellmu lil missierhom u anke lil dawk il-membri tal-familja tieghu li sejrin jakkompanjaw lit-tfal fit-titjira minn u lejn Malta, permezz ta’ skype, u dan ghal darbtejn fil-gimgha ghal nofs siegha kull darba. B’hekk it-tfal ikunu aktar konfidenti meta jmorru ghall-access barra minn Malta u jiltaqghu mal-missier u mal-familjari tieghu. Izda l-Qorti taghmilha cara li anke jekk l-omm ma taderixxix ma’ din l-ordni, l-access fi Franza xorta wahda jsir skont l-arrangamenti prattici fuq stabbiliti u ordnati.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-intimata.

Tordna li a kura tad-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija, u lid-Direttur Generali tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------